Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag Juris (Eur Law)

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)
vs
Twanny sive Anthony
Scicluna

Illum 4 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmi imputat Twanny (Anthony) Scicluna, iben Anthony u Agnes nee Muscat, imwieled nhar il-25 ta' Ottubru 1964 u detentur tal-karta tal-identita Nru. 606064(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-14 ta' Mejju 2001 u l-granet ta' qabel, f'hinijiet differenti, gewwa Haz-Zebbug, Hal-Qormi, u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b' diversi atti li saru fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Iffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati u li kien jaf li huma falsifikati, u cioe biljetti tal-Hames Liri Maltin (LM5), u dan bi ksur ta' Artikolu 45 ta' Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew irceva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati u li kien jaf li l-istess kienu falsifikati, u cioe biljetti tal-Hames Liri Maltin (LM5), u dan bi ksur ta' Artikolu 46 ta' Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Minghajr awtorita legali jew skuza legittima jew ragonevoli ghamel, uza, jew xjentament kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, xi karta mahsuba biex tixbah u biex tghaddi bhala karta specjali bhal dik provduta u uzata ghal ghemil ta' xi biljett tal-flus, jew xi karta specjali tali, u dan bi ksur ta' Artikolu 47(a) ta' Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Ghamel, uza jew xjentement kellu fil-kustodja jew

pusses tieghu, xi tilar, forma jew strument biex jaghmel dik il-karta, jew biex jipproduci f'dik jew fuq dik il-karta xi kliem, figuri, ittri, marki, linji, jew disinji, partikolari ghal u wzati f'xi karta tali jew fuqha, u dan bi ksur ta' Artikolu 47(b) ta' Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ikkometta serq ta' diesel u petrol, minn Automarket Service Station ta' Triq Mdina Zebbug (Malta) ghad-dannu tas-socjeta Fal-Con Ltd, Henry Falzon, Joseph Falzon., George Falzon, David Azzopardi u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-'mezz', bil-'hin' u bil-'lok', u dan bi ksur ta' Artikoli 263, 269 u 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jew b'qerq iehor, ghamel qliegh ta' aktar minn LM50 ghad-dannu tas-socjeta' Fal-Con Ltd., Henry Falzon, Joseph Falzon, George Galzon, David Azzopardi u persuni ohra, u bosta persuni

ohra, u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

7. Xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew immexxihom u cioe kwantita ta' petrol u diesel u dan bi ksur ta' Artikolu 334 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-11 ta' Frar, 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 45, 46, 47 (a) (b) tal-Kapitolu 204 tal-Kodici Kriminali;

(b) Fl-Artikoli 261 (b) (e) (f), 263, 270, 269, 278 tal-Kodici Kriminali;

(c) Fl-Artikolu 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali;

(d) Fl-Artikoli 334 tal-Kodici Kriminali, u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment.

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volotarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-14 ta' Mejju, 2002.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li qieset dawn il-fatturi kollha u wara wkoll illi rat l-Artikoli imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tal-11 ta' Frar, 2002 fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issib lill-istess imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet, bl-eccezzjoni tas-seba' akkuza u cioe' dik ta' ricettazzjoni u dana peress illi una volta jirrizulta s-serq ma jistax jirrizulta wkoll ir-ricettazzjoni.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija, il-fatt illi irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll il-fatt illi l-imputat ma ghandux xi fedina penali allarmanti.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi ikun ferm aktar ta' beneficcju illi l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba u dan ikun kemm ta' beneficcju ghalih kif ukoll ghas-socjeta' in generali u ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9

tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur